MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-28 ta' April, 2008

Appell Civili Numru. 1356/2001/1

**Avukat Anthony De Gaetano**

**v.**

**Awtorita` tal-Ippjanar**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Lulju 2001, l-attur ippremetta; illi huwa impjegat bhala *senior legal counsel* ma' l-Awtorita` ta' l-

Ippjanar b'kuntratt ta' servizz bla limiti b'effett mill-1 ta' Lulju 2000; illi skond l-istess kuntratt dawk il-kondizzjonijiet ta' l-impjieg mhux imsemmijin fl-istess kuntratt huma regolati bil-Collective Agreement bejn l-Awtorita` konvenuta u l-Union Professjonisti Awtorita` ta' l-Ippjanar; illi ghar-rigward ta' dixxiplina, l-istess Collective Agreement, skond l-Artikolu 30 huwa regolat bil-kondizzjonijiet fl-Appendix J ma' l-istess Collective Agreement, kif ukoll skond l-istess Artikolu 30.3 ta' l-istess Collective Agreement li jispecifika li l-impjegat "*will be given every opportunity to defend themselves*" (li kopja ta' l-istess parti relattiva tal-Collective Agreement, mmarkata Dok. TD1 gie annessa ma' l-att tac-citazzjoni); illi skond l-istess Appendix J (disciplinary procedure) hemm stipulat procedura li ghandha tigi segwita ghall-proceduri dixxiplinarji (kopja ta' l-appendix J, mmarkata Dok. TD2 giet ukoll annessa mal-att tac-citazzjoni); illi l-istess attur fid-19 ta' Jannar 2001 (annessa mal-att tac-citazzjoni u mmarkata Dok. TD3) irceva ittra migjuba bl-idejn minn Matthew Gatt, Assistant Direttur ta' l-Awtorita` konvenuta fejn gie akkuzat ingustament u kontra kull verita`, li kien ghamel rapport falz, liema ittra giet miktuba mid-Direttur ta' l-Ippjanar, il-Perit Godwin Cassar; illi l-istess attur talab li jinghata dettalji dwar tali akkuza skond il-Collective Agreement u biex ikun f'pozizzjoni jiddefendi lilu nnifsu, jkun jaf id-dettalji ta' tali akkuza, minn fejn gew l-istess akkuzi u xi provi kien hemm, biex ikun f'posizzjoni li eventwalment jiddefendi lilu nnifsu minn tali akkuzi nveritjeri; illi d-Direttur ta' l-Ippjanar Godwin Cassar injora kull talba ghall-informazzjoni u sahansitra fil 24 ta' Jannar, 2001 (li kopja taghha tinsab annessa mal-att tac-citazzjoni u mmarkata Dok. TD4) infurmah li gie pprocessat u nstab hati ad insaputa ta' l-istess attur, li gie misjub hati li ghamel rapport falz u nghata first warning; illi l-istess proceduri dixxiplinari, kif ser jigi ampjament ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ma gewx segwiti nonostante diversi interpellazzjonijiet kemm lid-Direttur ta' l-Ippjanar kif ukoll lill-Human Resources Manager ta' l-Awtorita` konvenuta, anzi l-istess Direttur ta' l-Awtorita` widdeb lill-istess attur li jekk kien ser jiehu proceduri bil-Qorti biex jissalvagwardja d-drittijiet tieghu, l-Awtorita` kienet ser tiehu aktar passi dixxiplinari; illi l-istess Awtorita`

konvenuta baqghet inadempjenti anki wara li giet intimata darbtejn b'ittri ufficjali datati 31 ta' Jannar, 2001 u 19 ta' April 2001, li bihom giet debitament notifikata izda lanqas biss wiegbet ghalihom; illi l-istess proceduri wkoll imorru kontra kull principju ta' smigh xieraq u gustizzja naturali; ukoll illi l-istess akkuzi ta' rapport falz imorru kompletament kontra kull provi li hemm u kontra kull provi li l-istess Awtorita` kellha quddiemha, kif sar jaf wara l-istess attur u kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; dan premess l-attur talab ighidu l-konvenuti ghaliex dik l-Onorabbli Qorti ma kellhiex:

1) Tezercita s-setgha taghha taht l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Tiddikjara li l-proceduri addottati jiksru d-dritt fundamentali ta' smigh xieraq;

3) Tiddikjara li l-proceduri addottati jiksru l-proceduri bazici stabbiliti skond il-kondizzjonijiet ta' l-impjieg ta' l-istess attur;

4) Tiddikjara li l-istess akkuzi jmorru kontra kull verita` ta' fatti;

5) Tiddikjara li l-istess decizjoni ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar hi ghalhekk nulla, nvalida u minghajr effett;

6) Tiddikjara li kull twiddiba li jittiehdu passi dixxiplinari ohra jekk l-attur jittenta jiddefendi lilu nnifsu bil-Qorti tikser kull principju ta' gustizzja naturali u hija wkoll nulla, nvalida u minghajr effett;

7) Tordna li tali akkuzi u twiddib jigu mhassra kompletament mill-file personali ta' l-istess attur, kif ukoll kull ittra, nota jew referenza ghal dawn il-proceduri dixxiplinari u ghal kull decizjoni li ttiehdet dwar l-allegat rapport falz;

"B'rizerva ghal kull azzjoni ghal danni kontra l-istess Awtorita` konvenuta minhabba l-agir illegali taghha fil-konfront ta' l-attur u b'rizerva ghal kull azzjoni kontra dawk l-ufficjali li permezz taghhom jirrizulta li saru l-abbuzi msemmijin mill-istess Awtorita` ta' l-Ippjanar.

"Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittri ufficjali tal-31 ta’ Jannar, 2001 u tad-19 ta’ April, 2001 u bl-imghax relattivi kontra l-istess konvenuti."

B’nota pprezentata fid-29 ta’ Ottubru 2001, l-Awtorita` konvenuta eccepiet:

"1) Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-Awtorita` mxiet korrettement u skond il-provvedimenti tal-ftehim kollettiv vigenti fil-konfront ta’ l-attur.

"Salvi eccezzjonijiet ohra."

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza moghtija fit-30 ta’ Marzu 2005, billi ghar-ragunijiet hemm moghtija laqghet it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti u dan wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

“Sfilz ta’ dokumenti

“Illi l-konvenuti talbu l-isfilz tan-noti ta’ osservazzjonijiet li gew prezentati quddiem Qorti ohra u xi ittri u anke memo interna ta’ l-Awtorita` konvenuta u dana wara li kienu nghalqu l-provi u meta dawn il-proceduri kienu waslu fl-istadju tan-noti ta’ osservazzjonijiet.

“L-attur issottometta li hu pprezenta dawn in-noti ta’ osservazzjonijiet u dokumenti bhala parti mill-argumentazzjoni li tista’ tittiehed f’din il-kawza u biex jintwera li l-konvenuti quddiem Qorti jargumentaw mod u quddiem dina l-Qorti qed jargumentaw mod iehor.

“Il-Qorti taqbel li dawn il-dokumenti gew prezentati wara li nghalqu l-provi, u minghajr ma l-attur talab permess biex jipprezentahom. Ghalhekk gew prodotti provi f’dan l-istadju inoltrat meta l-konvenuti ma humiex f’posizzjoni li jikkontestawhom, apparti li l-provi gew prezentati f’kawzi

kriminali quddiem Qorti tal-Magistrati dwar libel. Ghalhekk il-Qorti tordna li n-noti ta' osservazzjonijiet (flimkien mad-dokumenti) ezibiti quddiem il-Qorti l-ohra man-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-attur ghandhom jigu sfilzati. Ghal l-istess ragunijiet ghandhom jigu sfilzati d-dokumenti li ma kienux gew prezentati quddiem din il-Qorti fl-istadju tal-provi u li gew ezibiti fir-risposta ta' l-attur ghar-risposta ta' l-Awtortita` konvenuta (fol. 408).

**"Kontestazzjoni**

"It-talbiet ta' l-attur saru a bazi tas-setgha tal-Qorti taht l-artikolu 469A tal-Kap 12 stante li skond l-attur ttiehdet decizjoni kontra tieghu mhux skond il-provvediment tal-ftehim kollettiv fejn hu gie akkuzat u misjub hati ta' rapport falz u sar kollox ad insaputa tieghu minghajr ma nghata l-ebda opportunita` biex jiddefendi ruhhu.

"Fl-eccezzjonijiet taghha, l-Awtorita` sostniet li hi mxiet korrettement u skond il-provvedimenti tal-ftehim kollettiv vigenti fil-konfront ta' l-attur.

"Ghemil amministrattiv – rapport falz

"Fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha l-Awtorita` ssottomettiet li kien obbligu ta' l-attur jipprova li 'xi ghemil amministrattiv' huwa null, invalidu jew minghajr effett' u dan skond ma jitlob l-artikolu 469A. Skond il-konvenuti l-attur kellu jipprova li l-warning moghti mill-Awtorita` lilu huwa 'ghemil amministrattiv' li dina l-Qorti ghandha gurisdizzjoni li tistharreg dwaru taht l-artikolu 469A. Il-konvenuti jsostnu li l-warning ma hux ghemil amministrattiv li trid il-ligi taht l-artikolu 469(A)(2) billi din ma tinkludix xi haga li ssir bl-ghan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita`.

"L-attur wiegeb li l-konvenuti kienu fl-obbligu li jeccepixxu huma s-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 469A kieku dehrilhom li l-warning ma kinitx taqa' taht l-Artikolu 469A haga li m'ghamlux sa tmiem il-provi anzi huma eccepew li l-att amministrattiv kien gustifikat.

“Ghalkemm dawn il-Qrati ftit harsu jew ikkunsidraw b’simpatija lejn eccezzjonijiet li ‘jfaqqsu’ ghall-gharrieda fil-mori tal-proceduri minghajr ebda awtorizzazzjoni, il-Qorti hija wkoll konsapevoli mill-fatt li hemm gurisprudenza li hadet attitudini aktar liberali fis-sens li accettat eccezzjonijiet li jkunu gew sollevati b’dan il-mod dubbjuz. Hekk, per ezempju, fil-kawza fl-ismijiet ”Services Limited vs Joseph Zammit”[1], fejn gie affermat hekk:-

“Kif hu risaput, il-gurisprudenza tghallem illi l-Qorti hi fid-dover li tiehu konjizzjoni ta’ eccezzjonjiet li jkunu gew sollevati waqt it-trattazzjoni tal-kawza, anke f’noti ta’ sottomissjonijiet, u anke jekk ma jkunux gew formalizzati fil-forma ta’ eccezzjoni.”

“Dina l-Qorti sejra tikkunsidra dina s-sottomissjoni li saret mill-konvenuti ghalkemm ma gietx formalment proposta bhala eccezzjoni. Imma biex taghmel hekk il-Qorti hija tal-fehma li hija ghandha l-ewwel tiddeciedi jekk fil-fatt l-attur kienx ghamel rapport falz kif gie akkuzat u misjub hati mill-konvenuti.

“Biex jigi kkonstat dan il-Qorti tikkonsidra s-segwenti: -

“L-attur, li joqghod ‘Villa Gnejna’, Triq Filipu Castagna, Gudja, dahal f’litigazzjonijiet mal gar tieghu konsegwenza ta’ xoghol strutturali li l-istess gar kien qed jaghmel fil-proprjeta` b’appogg ma’ dik ta’ l-attur.

F’Awissu tas-sena 2000, l-attur ghamel rapport lil Joe Zammit, Enforcement Officer ta’ l-Awtorita` konvenuta. Dan investiga l-ilment ta’ l-attur u fl-1 ta’ Settembru 2000 inharget enforcement order[2] kontra l-gar ta’ l-attur. Mill-atti ma jirrizultax li din l-enforcement order inharget b’xi mod irregolari.

F’Jannar 2001 l-attur ghamel rapport iehor lill-istess Enforcement Officer Joe Zammit biex jinvestiga jekk kienx

[1] (Qorti tal-Appell – Sede Inferjuri) deciza fid-29 ta’ Jannar 1999).
[2] Doc. ‘B’ – Fol. 28.

qed isir xoghol ta' aluminju fil-proprijeta` li fuqha kien hemm dan l-enforcement order.

L-istess Enforcement Officer mar jinvestiga on site fit-3 ta' Jannar 2001 u xehed li "sibna zewg haddiema hergin mill-premises"[3]. Inoltre, mart il-gar ta' l-attur ikkonfermat li fil-lejl ta' qabel kien sar xi xoghol[4].

Ma jirrizulta imkien li l-attur talab biex jittiehdu passi kontra l-gar ghax kien qed isir bini illegali. Hu kien talab lill Zammit biex jinvestiga jekk kienux qed isiru xogholijiet u Zammit hekk ghamel. Zammit ikkonferma li r-rapport li kien ghamel l-attur kien veritier. L-istess ikkonferma Joe Bonnici. Anke mill-Memo a fol 78 ma jirrizultax dak li l-attur qed jigi akkuzat bih. Ghaldaqstant, ir-rapport li l-attur ghamel f'Jannar tas-sena 2001 ma jirrizultax li kien falz.

Inoltre mill-atti, b'mod partikolari mix-xhieda ta' Joe Zammit[5], jirrizulta li fir-rapporti tieghu dwar din il-kwistjoni, l-attur dejjem insista li kien jaghmel ir-rapporti tieghu bhala rapporti personali, u dak li ghamel ghamlu fil-berah u ghalhekk lanqas ma jirrizulta li l-attur kien qed jabbuza mill-posizzjoni tieghu.

"Stante li gie pruvat li l-attur m'ghamilx rapport falz, konsegwentement il-warning li huwa nghata u l-fatt li l-Awtorita` ghamlet akkuzi nfondati kontra tieghu ma jistax jitqies li dan hu xi haga li saret bl-ghan ta' organzzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-Awtorita`. Ebda illegalita` jew abbuz ta' poter ma tista' qatt tiqies bhala azzjoni ta' amministrazzjoni nterna.

"Ghaldaqstant is-sottomissjoni tal-konvenuti li l-warning moghti mill-Awtorita` lil attur mhux 'ghemil amministrattiv' imma att ta' amministrazzjoni interna ma tistax tigi milqugha.

"Eccezzjoni – Procedura adottata fl-azzjoni dixxiplinari in kwistjoni.

---

[3] Xhieda ta' Joe Zammit – Fol. 32 sa 36.
[4] Xhieda ta' Joe Zammit – Fol. 32 sa 36.
[5] Xhieda ta' Joe Zammit a fol. 32 sa 36.

“Fl-unika eccezzjoni formali li ghamlet l-Awtorita` hemm li hi mxiet korrettement u skond il-provvedimenti tal-ftehim kollettiv vigenti fil-konfront ta’ l-attur.

“L-attur kien beda proceduri fil-Qorti stante li kien sab li permess illegali li inghata lill gar tieghu kien qed jikkawsalu danni, kif ukoll agixxa minhabba t-tenttativ li l-Awtorita` kienet qed tipprova taghmel biex tirranga l-istess permess ghad dannu ta’ l-istess attur.

“Mid-dikjarazzjoni ta’ l-attur[6] u min-nota ta’ l-eccezzjonijiet u dikjarazzjoni ta’ l-Awtorita` konvenuta[7] jidher li m’hemmx kontestazzjoni dwar il-fatti li wasslu ghal din il-kawza.

“Lanqas m’hemm kontestazzjoni li kull azzjoni dixxiplinarja kontra l-attur kellha tittiehed kif provdut bl-appendix J[8] tal-ftehim kollettiv.

“B’ittra datata 19$^{th}$ January 2001[9] - hawn taht riportata testwalment - il-Perit Godwin Cassar, Direttur ta’ l-Ippjanar, informa lill-attur illi:

“It has come to my attention that you have directed the Authority’s enforcement officers to act following your reports on alleged illegal development works in neighbouring property that have resulted to be false. Moreover, that such works relate to a specific personal interest over which you have instituted Legal Proceedings.

“I believe that this conduct is not acceptable and should the necessary investigations confirm the offence, disciplinary action in accordance with Appendix J of the Collective Agreement will be taken.

“Ghal din l-ittra, l-attur, bl-ittra tieghu[10] ta’ l-istess gurnata, talab aktar informazzjoni dwar l-akkuza migjuba kontra tieghu – ara l-ahhar paragrafu ta’ dan id-dokument.

---

[6] Fol. 3 sa 4.
[7] Fol. 19 sa 20.
[8] Fol. 8
9 Fol 12

"L-atti juru li l-konvenuti ma tawx risposta ghal din l-ittra ta' l-attur u f'dan ir-rigward, l-affidavit dettaljat ta' l-attur[11] mhux kontradett.

"Sussegwentement, b'ittra datata 24th January 2001[12], - hawn taht riportata testwalment - l-istess Direttur ta' l-Ippjanar, informa lill-attur illi: -

"Further to my letter dated 19th January 2001 on the allegations of illegal development in neighbouring property and the resulting facts.

"I am writing to inform you that we have considered the recent development in detail and have determined that your conduct in this case is unacceptable.

"Please consider this letter as a written warning in terms of Appendix J of the Collective Agreement.

"I trust the situation does not repeat itself.

"Ghal din l-ittra tad-Direttur, l-attur irrisponda bl-ittra tieghu tal-31 ta' Jannar 2001[13] fejn elenka l-ilmenti tieghu ghal mod kif giet ttrattata l-azzjoni dixxiplinarja kontrih bla ma gew osservati r-regoli stipulati fl-appendix J fuq riferit.

Ir-risposta tad-direttur ghal din l-ittra ta' l-attur hi dik tat-2 ta' Frar 2001[14]. B'din l-ittra l-attur gie intimat that if you persist in the course of action indicated in your letter above mentioned the Authority will have no other alternative but to take whatever disciplinary measures that may be warranted in your regard.

"Il-Qorti trid tezamina jekk il-proceduri dixxiplinarji li ttiehdu kontra l-attur sarux kif regolat bl-Article 30 (Discipline), ta' l-Appendix J (Disciplinary Procedure), tal-ftehim kollettiv

---

[10] Fol 72 sa 74
[11] Fol 39 sa 47.
[12] Dok. 'TD4' – Fol. 13.
[13] Doc. 24 – Fol. 72 sa 74.
[14] Doc. TD 5 – Fol. 14.

maqbul bejn l-istess Awtorita` konvenuta u l-Union Professjonisti Awtorita` ta' l-Ippjanar[15].

Certament, ghall-attur, l-akkuza li '…your reports… have resulted to be false…' hi akkuza serja, iktar u iktar meta jigi meqjus li l-attur huwa avukat u mpjegat bhala Senior Legal Counsel ma' l-istess Awtorita` li qed taghmel din l-akkuza.

Ghaldaqstant l-investigazzjoni ta' l-akkuza migjuba kontra l-attur ma kellhiex tigi ttrattata bhala semplici warning kif indikat mill-Awtorita` konvenuta[16] imma semai tigi ttrattata bl-iktar mod serju possibbli bi dritt ta' l-attur li jiddefendi ruhu f'kull stadju tal-proceduri.

L-atti juru li dan ma sarx, invece l-konvenuti qed jissottomettu li dan kien biss kaz ta' warning. Fil-fatt huma qed jirritjenu li l-Awtorita` zammet mal-procedura u f'dan il-kaz taht warning lill attur u mhux charge. Billi l-kuntratt ta' impjieg ta' l-attur ma jipprovdiex procedura ghal warning hija imxiet skond il-paragrafu 20 tal-kuntratt ta' impieg li jirreferi ghal paragrafu 1.4 ta' l-Appendix J tal-Ftehim Kollettiv.

"Skond il-konvenuti l-paragrafi 1.1, 1.2, u 1.3 ta' Appendix J li fuqhom qed jistrieh l-attur huma rrilevanti ghall kaz ghax il-procedura kontemplata f'dawk it-tlett paragrafi hija procedura dixxiplinari fil-konfront ta' xi impjegat "charged with an offence". F'dan il-kaz l-attur ma giex 'charged with an offence' imma gie warned bi breach of conduct skond paragrafu 1.4.

"Il-konvenuti spjegaw li fl-ittra tal -24 ta' Jannar 2001 id-Director of Planning jikteb: "Please consider this letter as a written warning in terms of Appendix J of the Collective Agreement".

"Il-konvenuti jsostnu li fl-ittra tad-19 ta' Jannar 2001 hemm ir- written warning skond il- para 1.4. Imbaghad hemm

[15] Ara fol 6.
[16] Risposta ta' l-Awtorita' – Fol. 348 sa 361 – Para. 22 *et seq.* Fol. 354.

ukoll l-istatement tal-specific breach/es of conduct or other basis of the warning,  u cjoe li l-attitudini ta’ l-attur  mhux accettabli u  fl-ahharnett hemm l-expected improvement/s and probationary time’ cjoe I trust this situation does not repeat itself.

‘Izda dak sottomess mill-konvenuti pero mhux sorrett mill-provi prodotti f’dan il-process billi effettivament Mathew Gatt fil-Memo[17] tieghu lid Direttur Godwin Cassar jipprova jikkategorizza l-procedura taht il-ftehim kollettiv fejn ighid li l-ittra tad-19 ta’ Jannar 2001 taqa’ taht para 1.1 u 1.2 ; ir-risposta ta’ l-attur taht para 1.2,  u t-tieni ittra tal-Perit Godwin Cassar taht para 1.3, u 1.4. Il-konvenuti ghalhekk qed jeccepixxu li huma imxew korrettement skond l-paragrafi 1.1, 1.2, u 1.3 ta’ Appendix J.

‘Il-para 1.1 ta’ l-Appendix J ighid li ‘a unit manager.. shall report in writing to the Human Resources Manager any misconduct or breach of discipline committed by any employee of whom he is in charge immediately the offence becomes known to him, and in no case later than 5 working days after he becomes aware of the offence, having informed the employee concerned of his intention to institute disicplinary proceedings’.

‘Hu ovvju ghalhekk li l-akkuza li saret lill attur kienet biss dik a bazi tar-rapport li l-attur kien ghamel fit-3 ta’ Jannar 2001 u mhux fuq fatti antecedenti li l-Awtorita` kienet ilha taf bihom. Il-konvenuti allegatament hargu l-akkuza a bazi ta’ memo ta’ Joe Zammit.[18]

‘Fil-Memo ta’ Mathew Gatt[19] jinghad li l-ittra tad-19 ta’ Jannar 2001 mhux :
biss taqa’ taht ir-rekwiziti ta’ para 1.1 imma wkoll ta’ 1.2. Dana l-para jghid li :
The Human Resources Manager shall communicate in writing to the employee concerned a statement of the charges made, setting out the particulars and supporting evidence, wara li jsiru l-investigazzjonijiet.

---

[17] (ara fol 78 u x-xhieda ta’ Matherw Gatt a fol 326.)
[18] Ara Memo a fol 133 u xhieda Perit Godwin Cassar
[19] Ara Memo a fol 78.

'L-ittra tad-19 ta' Jannar 2001 ma taghti ebda supporting evidence, u lanqas ma nghatat wara li l-attur kien kiteb ittra bl-istess data jitlob ghal dina l-evidenza.

'Fl-ittra tal-24 ta' Jannar 2001 imbaghad hemm biss konferma li l-attur kien instab hati li kien ghamel rapport falz. Dan minghajr ma nghata opportunita` biex jiddefendi lilu nnifsu[20]

'Indikattiva ta' kif saru l-proceduri hija l-minuta fis-seduta tal-Bord ta' l-Awtorita` tal-25 ta' Jannar 2001, fejn[21] li The Director of Planning was to investigate the matter and take appropriate action if necessary , meta fil-fatt gurnata qabel hu kien diga sab lill-attur hati, ta' dak li kien ghadu jrid jigi investigat.

"Jirrizulta f'dan il-kaz li lanqas gie segwit il-minimu tal-principju tal gustizzja naturali. L-attur ma nghata ebda opportunita` li jara x'kienet l-evidenza kontra tieghu fuq l-akkuza li saritlu u lanqas inghata opportunita` li jiddefendi ruhhu. Individwu li se jkun soggett ghal xi decizjoni amministrattiva ghandu jinghata d-dritt li jkun jaf x'kaz hemm kontrih u xi provi gew prodotti kontra tieghu. Wara, l-istess individwu ghandu jinghata l-opportunita` li jinstemgha halli jkun f'posizzjoni illi jikkorregi jew jikkontradixxi dawk il-provi li hemm fil-konfront tieghu[22].

'Illi ghalhekk id-decizjoni kontestata ta' l-Awtorita` konvenuta hija invalida u minghajr effett stante li l-proceduri ma kienux skond l-kondizzjonijiet ta' impieg ta' l-attur u anke kontra l-principju ta' gustizzja naturali ghal smiegh xieraq.'

**L-appell ta' l-Awtorita` tal-Ippjanar.**

L-Awtorita` ta' l-Ippjanar hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b'rikors intavolat fit-18 ta' April 2005, talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din

---

[20] Ara Kwazola 30:3 tal-Ftheim Kollettiv
[21] Ara fol 31
[22] Ara Kaz Chief Constable of the North of Wales Police v Evans (1982).

il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka l-imsemmija sentenza u minflok tilqa’ l-eccezzjonijiet ta' l-Awtorita` appellanti u konsegwentement tichad it-talbiet kollha attrici.

L-attur appellat ipprezenta risposta ghar-rikors ta’ l-appell ta' l-Awtorita` konvenuta fejn talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti tikkonferma fl-intier taghha d-decizjoni fuq riportata u tichad l-appell interpost mill-konvenut bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut Awtorita` tal-Ippjanar, illum MEPA (Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar).

**Il-fatti tal-kaz.**

Kif jidher dettaljament espost fl-att tac-citazzjoni, fix-xiehda, kif ukoll fid-diversi dokumenti annessi l-kwistjoni li minnha qed jilmenta l-attur tikkoncerna twiddiba li hu nghata wara rapport li kien sar lis-superjur tieghu fuq rapport allegatament falz in konnessjoni ma ksur ta’ *Stop Notice* koncernanti xogholijiet fi proprjeta` adjacenti ghal dik ta’ l-istess attur. L-istorja tmur lura ghall-1 ta’ Settembru 2000, meta certu Raymond Farrugia ta’ Qalba ta’ Gesu, Triq F. Castagna, Gudja gie notifikat b’Avviz biex Tieqaf u ta’ Twetiq Skond l-Artikoli 51 u 52 ta’ l-Att Nru. 1 tal-1992 Dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp. In forza ta’ dan l-Avviz l-istess Farrugia kien gie mgharraf *li jieqaf immedjatament l-izvilupp ….. fuq is-sitt* proprjeta` tieghu. Gara pero` li fil-bidu ta’ Jannar, 2001 l-attur issuspetta li kienu qed isuru xi xogholijiet fl-imsemmi fond bi ksur tal-istess *Stop Notice* u kien ghalhekk li, bhala cittadin privat, ghamel rapport dwar dan mas-Senior Enforcement Officer Joseph Zammit u talbu jinvestiga. Dan hekk ghamel u irraporta li meta mar fuq il-post sab xi haddiema ta' l-aluminium dehlin fil-van taghhom u meta kellem lill-mart Raymond Farrugia gie infurmat li dawn kienu ghamlu l-konsenja ta' l-aperturi billi d-ditta li kienet qed tissuplixxi l-istess prodott ma kinitx ser izzommhom aktar ghandha. L-istess Joseph Zammit ukoll staqsa dwar xi hsejjes li kien hemm lejliet u gie infurmat li ta’ Farrugia kienu semplicement qed iwahhlu l-*plastic sheeting* li kien inqala'.

Xi gimghat wara dan l-incident l-attur irceva ittra minghand id-Director of Planning il-Perit Godwin Cassar datata 19 ta' Jannar, 2001 [fol.12] li tghid espressament hekk:-
*'It has come to my attention that you have directed the Authority's enforcement officers to act following your reports on alleged illegal development works in neighbouring property that have resulted to be false. Moreover, that such works relate to a specific personal interest over which you have instituted Legal Proceedings.*

*'I believe that this conduct is not accepable and should the necessary investigations confirm the offence disciplinary action in accordance with Appendix J of the Collective Agreement will be taken.'*

Meta l-attur irceva din l-ittra huwa kien sorpriz kif Godwin Cassar ma kien qallu xejn dwar il-kwistjoni billi kien in kuntatt dirett u kontinwu mieghu ghal xi gimghatejn shah qabel minhabba xi *drafting ta' legislazzjoni*, biss ghalkemm l-attur ipprova jikkomunika ripetutament ma' l-istess Godwin Cassar, dan kien kollu ta' xejn u ghalhekk, dakinhar stess, kitiblu ittra fejn, wara li spejga dak li kien gara bejnu, bhala cittadin privat, u Joseph Zammit is-*Senior Enforcement Officer*, spicca b'dawn il-kliem:
'*Finally, as I have a right to, I insist that the accusations levied against me are passed on to me, and from whom these have been made, in order not only to be in a position to defend myself, but to take all necessary legal actions against such false accusations. Unless this information is given to me, I would have to take legal action for defamation directly against you when stating as a matter of fact 'that you (I) have directed the Authority's enforcement officers to act following your reports on alleged illegal development works in neighbouring property that have resulted to be false*.'

Fl-24 ta' Jannar 2001, l-attur irceva ittra wkoll minghand il-Perit Godwin Cassar [fol. 13] fejn gie infurmat hekk:
*'I am writing to inform you that we have considered the recent developments in detail and have determined that your conduct in this case is unacceptable.*

*'Please consider this letter as a written warning [enfazi tal-Qorti] in terms of Appendix J of the Collective Agreement.*

*'I trust the situation does not repeat itself.'*

Sussegwentement, wara skambju ta' korrispondenza, l-attur irceva ittra ohra minghand il-Perit Cassar, liema ittra iggib id-data tat-2 ta' Frar, 2001 [fol.14] fejn gie avzat li jekk xtaq jikkontesta il-'*warning*' dan kellu jsir '*in accordance with the provisions of the Collective Agreement*'. Gie avzat ukoll li t-theddida tieghu li jistitwixxi proceduri legali u proceduri ta' libel '*as being totally unacceptable*.' F'din l-ittra intqal ukoll hekk: '*Indeed, I am to point out that if your* [recte: 'you'] *persist in the course of action indicated in your letter above mentioned the Authority will have no other alternative but to take whatever disciplinary measures that may be warranted in your regard*.'

L-attur hassu aggravat kemm bil-fatt li huwa ma nghatax il-possibbilita` li jiddifendi ruhu kif ukoll minhabba t-theddida ta' mizuri ulterjuri li tinsab fl-ittra hawn fuq citata. Kien ghalhekk li f'Lulju 2001 istitwixxa dawn il-proceduri fejn, wara li elenka l-fatti fuq esposti, talab li l-Prim Awla tal-Qorti Civili *tezercita s-setgha taghha taht l-Artikolu 469A tal-Kap 12,* [enfazi tal-Qorti] u konsegwentement tiddikjara li l-proceduri adottati jiksru d-dritt fondamentali ta' smigh xieraq u l-proceduri bazici stabbiliti fil-kondizzjonijiet ta' l-impieg tieghu. Talab ukoll li jigi dikjarat li l-akkuzi imorru kontra kull verita` tal-fatti u li ghalhekk id-decizjoni ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar hija nulla, invalida u minghar effett u li t-tweddiba li jittiehdu passi dixxiplinari ohra kontrih jekk jittanta jiddifendu ruhu fil-Qorti tmur kontra kull principju ta' gustizzja naturali u ghalhekk nulla, invalida u minghajr effet. Finalment talab li fil-*file* personali tieghu ma jkunx hemm aktar referenza ghall-akkuzi u twiddiba.

Ghal din l-azzjoni l-awtorita` konvenuta wigbet billi eccepiet li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-Awtorita` mxiet korrettement u skond il-provvedimenti tal-ftehim kollettiv vigenti.

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti titratta fuq il-mod kif gie trattat l-attur fil-procedura mehuda kontra tieghu, u dan b'riferenza ghal dak li gie eccepit mill-istess Awtorita` u kunsidrat, in estenso, fir-rikors ta' l-appell.

Kif gja` rajna aktar 'l fuq bl-ittra tal-Perit Godwin Cassar lill-attur tal-24 ta' Jannar 2001, l-attur gie moghti '*a written warning in terms of Appendix J of the Collective Agreement*.' Dan l-Appendix J anness mal-Collective Agreement [fol. 8 tal-process] li jirregola l-kondizzjonijiet ta' l-impieg ta' l-attur mal-Awtorita` konvenuta, fl-ewwel artikolu jitkellem dwar '*Disciplinary Procedure*'. Dan l-artikolu huwa maqsum f'erbgha sub artikoli li basikament jitkellmu, fl-ewwel lok, dwar l-obbligu ta' Unit Manager jew id-'*designated deputy*' tieghu li jirraporta, immediatament u fi kwalunkwe kaz mhux aktar tard minn hames tijiem tax-xoghol, lil '*Human Resources Manager*' '*any misconduct or breach of discipline committed by an employee*' u dan wara li jkun inform lill-impjegat koncernat '*of his intention to initiate disciplinary action.*'

Fit-tieni stadju tal-process il-*Human Resources Manager* ghandu, fi zmien ghaxar tijiem mir-rapport, jaghmel investigazzjoni preliminary biex jaccerta ruhu dwar l-akkuza u jikkomunika '*in writing to the employee concerned <u>a statement of the charge/s made, setting out the particulars and the supporting evidence</u>*'. Wara din il-komunikazzjoni l-ufficjal hekk akkuzat '*shall be required to reply in writing to the charge or charges made, within seven days, stating any grounds on which the officer relies to exculpate himself*.'

Fi zmien ghaxart ijiem [*hawn mhux car minn meta jidbew jiddekorru dawn l-ghaxart ijiem biss l-unika interpretazzjoni li tista' tinghata hi li dawn jibdew jiddekorru minn meta l-Human Resources Manager jircievi ir-risposta tal-impjegat*] il-Human Resources Manager u c-Chief Executive [flimkien] ghandhom jiddeterminaw jekk il-kwistjoni ghandha tigi determinata mill-Management jew

jekk '*the matter is serious enough*' ghandhiex tigi kunsidrata mid-*Disciplinary Board*. Il-*Human Resources Manager* ghandu jinforma lill-impjegat bid-decizjoni – naturalment dan it-tgharif jkun dwar jekk l-kaz ser jigi trattat mill-Management jew riferut lid-*Disciplinary Board*.

Finalment fis-sub artikolu 4 ta' l-Artikolu 1 fuq imsemmi jinghad li '*where the disciplinary procedure is administered by the Management <u>this will be carried out by the Human Resources Manager</u> in conjunction with the relevant Unit Head.* L-istess subartikolu jikkontempla l-mizuri li jistghu jittiehdu fil-konfront tal-impjegat meta l-kaz jigi trattat mill-*Management* u li jkunu jikkonsistu fi '*1st Written Warning* fejn jkun hemm dikjarat '*the specific breach/es of conduct or other basis of warning, expected improvement/s and probationary time.*' U f'kaz li jkun hemm ripetizzjoni tal-*misconduct* jinghata *2nd Warning* bid-dwiddiba li jekk l-impjegat jonqos '*to comply*' proceduri jigu istitwiti quddiem id-*Disciplinary Board.*

Minn dan l-artikolu jidher car li d-*Disciplinary Procedure* li jista' jittiehed kontra impjegat, a tenur tal-Appendix J, jirrifletti dak li jinghad fl-Artikolu 30 tal-istess *Collective Agreement* fejn hemm enunzjat li '*all employees are entitled to a fair treatment within the provisions of the Industrial Relations legislation'* , u li '*in all disciplinary cases the employess …. will be given every opportunity to defend themselves*.'

L-istess artikolu, li jitkellem dwar '*disciplinary cases*', jiddefinixxi '*disciplinary action'* , *'as the first stage of formal Disciplinary Procedure (written warning), but not warranting referral to a Disciplinary Board.'*

Ghalhekk jidher li fil-kwistjoni kollha li qed jilmenta ruhu minnha l-attur dan kellu qabel xejn jigi infurmat bir-rapport li kien ser isir kontra tieghu, jigi infurmat bl-akkuza u l-provi li jissostanzaw l-istess akkuza, u, b'rispett lejn dak li hu provdut fil-*Collective agreement* u sahasitra b'rispett lejn il-principji tal-gustizzja naturali, jinghata l-fakolta` li jiddifendi ruhu.

Minn qari tal-provi prodotti din il-Qorti hija tal-fehma li l-Awtorita` konvenuta naqset serjament milli timxi skond il-paramentri imposti mill-*Collective Agreement* u milli taghti lill-attur kull opportunita` li jiddifendi ruhu kontra l-akkuza li ingiebet kontra tieghu. Aktar minn hekk jidher manifestament ippruvat li ghalkemm il-kwistjoni kienet ingiebet quddiem il-Bord tal-Awtorita` tal-Ippjanar f'laqgha tal-25 ta' Jannar, 2001 fejn, fil-minuta numru 2163, wara li l-Kumitat Ezekuttiv kien ingieb a konjizzjoni '*to the fact that the Senior Legal Counsel had instructed the enforcement officers to investigate a development belonging to his neighbour and which was subject to court injunction….*' – mertu tar-rapport li kien sar kontra l-istess attur, l-istess Kumitat Ezekuttiv, f'dik il-laqgha, ordna li '*The Director of Planning was to investigate the matter and take appropriate action if necessary…'* B'dana kollu jidher li d-Director of Planning, u cioe` il-Perit Godwin Cassar, kien gja` ha d-decizjoni tieghu dwar il-htija ta' l-attur gurnata qabel ma inzammet il-laqgha tal-Bord billi ir-*written warning* inghata lill-attur b'ittra datata 24 ta' Jannar, 2001, u cioe` gurnata qabel l-istess laqgha tal-Bord. Jidher ghalhekk li l-agir tal-istess Direttur tal-Ippjanar kien manifestament skorrett, mhux biss billi ma tghax l-opportunita` lill-attur li jiddifendi ruhu, talli giab il-kaz quddiem il-Bord tal-Awtorita` meta kien gja ha d-decizjoni finali tieghu.

**Ikkunsidrat:**

Ghar-rigward ta' l-aggravju ta' l-Awtorita` konvenuta li din il-Qorti ma kenitx kompetenti tikkunsidra l-meritu tal-kaz taht il-provvedimenti ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan billi dak li sehh bejn il-partijiet ma kienx jammonta ghal ghemil amministrattiv kif definit fl-istess artikolu, din il-Qorti tikkonsidra li meta l-attur invoka l-gurisdizzjoni tal-Qorti biex tistharreg dak li sehh fil-konfront tieghu mill-Awtorita` konvenuta, din ta' l-ahhar accettat li l-ghemil taghha jkun investigat, tant li eccepiet biss li hi mxiet "korrettement" fil-konfront ta' l-attur. Kien biss fin-nota ta' l-osservazzjonijiet, meta s-smigh tal-provi kienu nghalqu, li l-Awtorita` harget b'din il-kwistjoni. L-ewwel Qorti ttrattata bhala eccezzjoni u accettata fid-dawl tal-principju, enuncjat minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-

kawza **Services Ltd v. Zammit**, minnha kwotata. Pero`, kif affermat din il-Qorti fil-kawza aktar ricenti fl-ismijiet **Cristina v. Mizzi**, deciza fis-27 ta' Marzu 2003, dak il-principju gie newtralizzat bl-emendi *ad hoc* ghal Artikolu 158 tal-Kap. 12 li kienu saru bl-Att XXIV tal-1995, b'mod li llum eccezzjoni ulterjuri tista' tigi sollevata biss bil-permess tal-Qorti.

Ghal ahjar intendiment ta' dan il-principju huwa opportun li silta mill-imsemmija sentenza tigi citata hawn:
"Din il-Qorti hija tal-fehma li ghalkemm huwa minnu li l-ewwel Qorti kkonfondiet, f’sens legali, in-naturi ta’ l-‘eccezzjoni’ li l-appellant jinsisti li huwa ressaq tramite n-nota ta’ osservazzjoni li pprezenta wara l-gheluq tal-provi, hija madankollu xorta ghandha riserva serja dwar il-mod u waqt li din is-suppost eccezzjoni giet sollevata. Fi kliem iehor, minkejja li dak li ried jeccepixi l-konvenut ulterjorment jista’ jkollu fondament, din il-Qorti mhux konvinta dwar ir-ritwalita` tal-eccezzjoni minn punto di vista ta’ procedura. Ghalkemm dawn il-Qrati ftit harsu jew ikkunsidraw b’simpatija lejn eccezzjonijiet li ‘jfaqqsu’ ghall-gharrieda fil-mori tal-proceduri minghajr ebda awtorizzazzjoni, din il-Qorti hija wkoll konsapevoli mill-fatt li hemm gurisprudenza li hadet attitudini aktar liberali fis-sens li accettat eccezzjonijiet li jkunu gew sollevati b’dan il-mod dubbjuz. Hekk, per ezempju, fil-kawza fl-ismijiet ”Services Limited vs Joseph Zammit” (Qorti tal-Appell – Sede Inferjuri) deciza fid-29 ta’ Jannar 1999, mill-Prim Imhallef Emeritus Joseph Said Pullicino gie affermat hekk:-

“Kif hu risaput, il-gurisprudenza tghallem illi l-Qorti hi fid-dover li tiehu konjizzjoni ta’ eccezzjonjiet li jkunu gew sollevati waqt it-trattazzjoni tal-kawza, anke f’noti ta’ sottomissjonijiet, u anke jekk ma jkunux gew formalizzati fil-forma ta’ eccezzjoni.”

"Dan l-insenjament pero`, li llum gie gustament newtralizzat b’emendi ad hoc fil-ligi tal-procedura (ara l-artikolu 158 tal-Kap 12 kif emendat bl-Att XXIV tal-1995 u emendi ohra precedenti) ma jammontax u lanqas m’ghandu jfisser li l-parti konvenuta ghandha speci ta’

‘carte blanche’ li kull meta u x’hin jidhrilha l-waqt izzid ma’ dawk l-eccezzjonijiet li hija tkun gja` tat. Il-pozizzjoni la hija hekk illum (in vista ta’ l-emendi li gew fis-sehh) u lanqas ma kienet hekk qabel. Difatti fil-kawza fl-ismijiet “M.C. Zammit Tabona et vs Emanuele Borg”, Appell Civili deciz fis-7 ta’ Frar 1966, din il-Qorti, kif diversament komposta, stabbiliet awtorevolment u korrettement li gej:-

“ L-artikolu 158 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili ghandu jfisser illi l-eccezzjonijiet kollha, tant ritwali kemm fil-meritu, li ghalihom fuq il-fatti maghrufa jista’ jkun hemm lok, ghandhom jinghataw mill-ewwel fin-nota tal-eccezzjonijiet.

"Wara li jingiebu l-provi tal-attur, jista’, bil-permess tal-Qorti, isir tibdil fin-nota tal-eccezzjoni, b’nota separata, sew bir-rinunzja ta’ wahda jew ohra mill-eccezzjonijiet kemm biz-zieda ta’ eccezzjonijiet ohra. Dan ma jfissirx li l-konvenut jista’ jaghmel dan meta jrid, kif irid, u bla ebda raguni u dan ‘bi dritt’ minghajr ebda indhil jew kontroll tal-Qorti…… Il-fatt li tista’ tinghata eccezzjoni fi stadju iehor tal-kawza wara l-ewwel nota ta’ eccezzjonijiet ma jfissirx fih innifsu li jistghu, bi dritt tal-konvenut, jingiebu provi jew xhieda godda.” (Sottolinejar tal-Qorti)

F'dan il-kaz, il-permess la ntalab u lanqas ma nghata mill-Qorti, u meta tqis li, inizjalment l-Awtorita` konvenuta accettat li l-ghemil taghha, kien x'kien, ikun investigat minn dawn il-Qrati, din il-Qorti tara li l-ilment ta' l-Awtorita` f'dan il-kuntest mhux attendibbli.

Ghar-ragunijiet moghtija l-appell tal-Awtorita` konvenuta qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata. Biss, minhabba l-komplessita` tal-materja diskusssa, il-Qorti tordna li l-ispejjez kollha, kemm dawk tal-prim istanza kif ukoll ta’ dan l-appell, jigu sopportati nofs kull parti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------